**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. MONICA VELLA LL.D., M.Jur**

**Rikors Nru. 62/2016MV**

**Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

**vs**

**Ivan Lanzon Miller (K.I. nru. 0333878)**

**Illum, 28 ta' Settembru 2016,**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors permezz ta' liema is-socjetà rikorrenti talbet lill-intimat:

> *thallasha s-somma ta' hdax-il elf, hames mija u tlieta u tletin Euro u tnejn u disghin centezmu (€11,533.92) rapprezentanti ammont dovut minnek fuq il-kontijiet tieghek mal-kumpannija attrici u specifikament kif ser jinghad hawn taht:*
>
> *fuq Loan Account Nru. 6181 71 002 u li jikkoncerna self koncess lilek ai termini ta' Credit Agreement datat 12 ta' Lulju 2013 (ara Dok. 'A'), hemm dovut l-ammont ta' hdax-il elf, tlett mija u*

*erbgha u ghoxrin Euro u hames centezmi (€11,324.05) u sal-5 ta' Jannar 2016, tali ammont kien jinkludi tletin Euro u disghin centezmu (€30.90) f'imghaxijiet (ara l-istatement bankarju markat Dok. 'B'), u*

*fuq is-Savings Account Nru. 6181 18 001, li inti ghandek mal-kumpannija attrici (ara l-formola tal-applikazzjoni markata Dok. 'C'), hemm dovut l-ammont ta' mija u zewgt Euro u erba' centezmi (€102.04) u sal-5 ta' Jannar 2016, tali ammont kien jinkludi hdax-il centezmu (€0.11) f'imghaxijiet (ara l-istatement bankarju markat Dok. 'D'), u*

*fuq il-Current Account Nru. 6181 10 001, li ghandek mal-kumpannija attrici (ara 1-formola ta' l-applikazzjoni markata bhala Dok. 'E'), hemm dovut l-ammont ta' mija u sebat Euro u tlieta u tmenin centezmu (€107.83) u sal-5 ta' Jannar 2016, tali ammont kien jinkludi tnax-il centezmu (€0.12) f'imghaxijiet (ara l-istatement bankarju markat Dok 'F'). Dan l-ammont jikkoncerna spejjez bankarji relatati mal-Loan Account fuq imsemmi;*

*L-ammont mitlub f'din il-kawza sar dovut kollu lill-kumpannija attrici:*

1. *ai termini t'Artikolu 14 tal-Credit Agreement marbut mal-Loan Account markat Dok. 'A' u msemmi aktar 'l fuq u dan ghax sehhew wahda jew aktar mill-events of default inkluzi f'dan id-dokument, partikolarment, izda mhux esklussivament:*

*"a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*

*b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*

*n) Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility", u*

2. *ai termini t'Artikolu 6 tal-Conditions of Use marbuta mas-Savings u l-Current Accounts (ara Dok. 'G');*

3. *ai termini t'Artikolu 5 tat-Terms and Conditions marbuta mal-Current Account (ara Dok 'H') u Artikolu 6 tad-dokument markat 'G' u anness ma' din il-kawza;*

*Illi l-kumpannija attrici interpellatek diversi drabi biex thallasha l-ammont minnek dovut, fosthom permezz ta' ittra legali datata 10 ta' Lulju 2015 u ittra ufficcjali numru 1665/2015, mahruga a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-17 ta' Settembru 20 IS li pero' giet kontestata (ara Dok. 'I' u Dok. 'J' rispettivament), izda int bqajt inadempjenti u ghalhekk din is-somma ghadha ma thallsitx u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;*

*Illi r-rapprezentanti tal-kumpannija attrici jafu b'dawn il-fatti personalment;*

*Bl-imghaxijiet mill-5 ta' Jannar 2016 sad-data tal-hlas effettiv skond ir-rati kummercjali tal-bank kif gie miftiehem mieghek meta int ftaht il-kontijiet bankarji fuq imsemmija, ossija bir-rata t'ghaxra punt sebgha hamsa fil-mija (10.75%) fis-sena in kwantu l-ammont dovut fuq il-Loan Account (ara Artikoli 6 u 14 f'Dok. 'A'); u bir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu l-ammonti dovuti fuq is-Savings Account u l-Current account (ara markar bl-ahdar fuq it-Tariff of Charges relattiva u markata Dok. 'K');*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali u l-ittra ufficcjali fuq imsemmija u l-mandat ta' sekwestru numru 2080/2015, mahrug kontestwalment mal-ittra ufficcjali u inkluzi wkoll charges bankarji mill-5 ta' Jannar 2015 sad-data tal-hlas effettiv, skond it-Tariff of Charges relattivi ghall-kontijiet bankarji msemmija f'din il-kawza (ara Dok. 'K' gja citat u Dok. 'L') kwantu l-Loan Account;*

*Int qieghed minn issa tigi ngunt in subizzjoni. Dan kollu qed jintalab minghajr pregudizzju u b'rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpannija attrici fil-konfront tieghek.*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2016, dehret l-avukat tal-intimat, li pprezentat nota ta' ammissjoni tat-talbiet tas-socjetà rikorrenti kif dedotti, kif jirrizulta a folio 30 tal-process u kif jirrizulta wkoll mill-verbal tal-istess seduta.

Rat illi l-kawza kienet giet differita ghal-lum.

Għaldaqstant, in vista ta’ tali ammissjoni, l-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti kif dedotti, bl-ispejjeż kontra l-intimat.

**(ft) Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur